

Emenda 5**Dimitrios Papadimoulis**

f' isem il-Grupp The Left

Rapport**A9-0053/2024****Jan Olbrycht, Margarida Marques**Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Risoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 2***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

2. Jisħaq fuq il-fatt li l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda l-QFP huwa parti minn pakkett ta' leġiżlazzjoni u li l-adozzjoni tiegħu se tippermetti li jiġi pprovdut appoġġ rapidu lill-Ukrajna u tiżgura li jistgħu jiġu introdotti diġà żidiet fil-baġit tal-2024 permezz ta' baġit emendatorju u għas-snin li jifdal tal-perjodu tal-QFP; ***jissottolinja*** li r-reviżjoni tal-QFP tirrappreżenta titjib ***ċar*** fl-istatus quo, ***għalkemm xi*** aspetti li jinsabu fl-abbozz tar-regolament tal-Kunsill mhumiex manifestament ottimali, u jħallu l-baġit tal-UE taħt pressjoni, b'marġini u flessibbiltà limitati, bi tnaqqis fil-programmi ewlenin u b'ambizzjoni mnaqqsa f'oqsma ta' politika importanti orjentati lejn il-futur, bħas-sovranià;

2. Jisħaq fuq il-fatt li l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda l-QFP huwa parti minn pakkett ta' leġiżlazzjoni u li l-adozzjoni tiegħu se tippermetti li jiġi pprovdut appoġġ rapidu lill-Ukrajna u tiżgura li jistgħu jiġu introdotti diġà żidiet fil-baġit tal-2024 permezz ta' baġit emendatorju u għas-snin li jifdal tal-perjodu tal-QFP; ***jirrikonoxxi*** li r-reviżjoni tal-QFP tirrappreżenta titjib fl-istatus quo; ***jissottolinja madankollu, li ħafna*** aspetti li jinsabu fl-abbozz tar-regolament tal-Kunsill mhumiex manifestament ottimali ***u ma jilħqux b'mod sinifikanti l-pożizzjoni tal-Parlament u l-proposta tal-Kummissjoni***, u jħallu l-baġit tal-UE taħt pressjoni, b'marġini u flessibbiltà limitati, bi tnaqqis fil-programmi ewlenin u b'ambizzjoni mnaqqsa f'oqsma ta' politika importanti orjentati lejn il-futur, bħas-sovranià;

Or. en

22.2.2024

A9-0053/6

Emenda 6

Marc Botenga

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Risoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

A9-0053/2024

Mozzjoni għal risoluzzjoni

Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal risoluzzjoni

Emenda

***3a. Jiddispjaċih li r-reviżjoni tal-QFP
tinjora l-ħtiġijiet tal-klassijiet tax-xogħol
u l-kriżi soċjali bla preċedent filwaqt li
tiddedika aktar flus għan-nefqa militari;***

Or. en

22.2.2024

A9-0053/7

Emenda 7

Dimitrios Papadimoulis

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Riżoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

A9-0053/2024

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Ifakkar li l-Parlament sostna li r-reviżjoni għandha tiffoka primarjament fuq l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u fuq l-għoti ta' flessibbiltà adegwata lill-Unjoni biex tirrispondi għall-ħtiġijiet emerġenti u għall-kriżijiet, b'approċċ strutturali għall-appoġġ tal-Ukrajna u għall-ġestjoni tal-kostijiet ta' self tan-Next Generation EU u b'finanzjament imtejjeb għall-politika esterna, għall-migrazzjoni u għall-awtonomija strateġika u għall-kompetittività; jinnota li dawn il-prijoritajiet kienu kollha riflessi fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2023 għal reviżjoni u huma kollha preżenti, ***tal-anqas sa ċertu punt***, fl-abbozz tar-regolament tal-Kunsill li l-Parlament huwa mitlub japprova;

Emenda

3. Ifakkar li l-Parlament sostna li r-reviżjoni ***mmirata*** għandha tiffoka primarjament fuq l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u fuq l-għoti ta' flessibbiltà adegwata lill-Unjoni biex tirrispondi għall-ħtiġijiet emerġenti u għall-kriżijiet, b'approċċ strutturali għall-appoġġ tal-Ukrajna u għall-ġestjoni tal-kostijiet ta' self tan-Next Generation EU u b'finanzjament imtejjeb għall-politika esterna, għall-migrazzjoni u għall-awtonomija strateġika u għall-kompetittività; jinnota li dawn il-prijoritajiet kienu kollha riflessi fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2023 għal reviżjoni u huma kollha preżenti, ***għalkemm f'livell ferm iktar baxx***, fl-abbozz tar-regolament tal-Kunsill li l-Parlament huwa mitlub japprova; ***ifakkar li l-Parlament tejjeb il-proposta tal-Kummissjoni u talab EUR 10 biljun addizzjonali, filwaqt li l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill jirrappreżenta tnaqqis sinifikanti meta mqabbel mal-proposta;***

Or. en

AM\1297628MT.docx

PE756.908v01-00

Emenda 8**Dimitrios Papadimoulis**

f' isem il-Grupp The Left

Rapport**Jan Olbrycht, Margarida Marques**Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Riżoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))**A9-0053/2024****Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 20***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Jisħaq li l-kostijiet ta' ripagament tan-Next Generation EU huma soġġetti għall-kundizzjonijiet tas-suq, influwenzati minn fatturi esterni, u b'hekk huma karatteristikament volatili u li r-ripagament tal-kostijiet tas-self huwa impenn legali mhux diskrezzjonali għall-Unjoni; itenni, għalhekk, li huwa ferm kontra li r-ripagament tal-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU jiġi soġġett għal limitu massimu taħt intestatura tal-QFP fin-negozjati tal-QFP tal-2020; ifakkar li huwa sostna ripetutament li l-kostijiet kollha tas-self tan-Next Generation EU għandhom jiġu kkunsidrati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, u dan jikkostitwixxi soluzzjoni strutturali komprensiva biex jiġu koperti l-kostijiet ta' ripagament tan-Next Generation EU, li żdiedu minħabba ż-żieda fir-rati tal-imgħax u li rrikjedju użu sostanzjali tal-flessibbiltà tal-baġit fl-2023 u fl-2024;

Emenda

20. Jisħaq li l-kostijiet ta' ripagament tan-Next Generation EU huma soġġetti għall-kundizzjonijiet tas-suq, influwenzati minn fatturi esterni, u b'hekk huma karatteristikament volatili u li r-ripagament tal-kostijiet tas-self huwa impenn legali mhux diskrezzjonali għall-Unjoni; itenni, għalhekk, li huwa ferm kontra li r-ripagament tal-kostijiet tas-self tan-Next Generation EU jiġi soġġett għal limitu massimu taħt intestatura tal-QFP fin-negozjati tal-QFP tal-2020; ifakkar li huwa sostna ripetutament li l-kostijiet kollha tas-self tan-Next Generation EU għandhom jiġu kkunsidrati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, u dan jikkostitwixxi ***l-unika tipproteġi l-baġit tal-UE u l-flessibbiltà tiegħu u*** biex jiġu koperti l-kostijiet ta' ripagament tan-Next Generation EU, li żdiedu minħabba ż-żieda fir-rati tal-imgħax u li rrikjedju użu sostanzjali tal-flessibbiltà tal-baġit fl-2023 u fl-2024;

Or. en

22.2.2024

A9-0053/9

Emenda 9

Manon Aubry, Younous Omarjee
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0053/2024

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Risoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32a. Jisħaq li l-Kummissjoni jeħtieġ li tieħu azzjoni ulterjuri f'waqtha biex iżżid ir-riżorsi proprji tal-UE; jissottolinja li, f'konformità mal-FII, li huwa legalment vinkolanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta taxxa ġenwina fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, li tista' tiġbor aktar minn EUR 50 biljun fis-sena, abbażi tad-dettalji tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji li kellha tiġi implimentata taħt kooperazzjoni msaħħa skont il-ftehim tal-2013;

Or. en

22.2.2024

A9-0053/10

Emenda 10

Manon Aubry, Younous Omarjee, Marc Botenga
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0053/2024

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Riżoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 32b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32b. Ifakkar li aktar minn terz tal-Ewropej regolarment jillimitaw kemm jieklu ikel; ifakkar li l-ġid tal-ogħla 0,5 % tal-individwi l-aktar sinjuri żdied b'35 % matul l-aħħar 10 snin; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw taxxa Ewropea fuq il-ġid, li tista' tiġbor aktar minn EUR 200 biljun għar-riżorsi proprji tal-UE;

Or. en

22.2.2024

A9-0053/11

Emenda 11

Manon Aubry, Younous Omarjee, Marc Botenga
f' isem il-Grupp The Left

Rapport

A9-0053/2024

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Riżoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 32c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

32c. Jissottolinja li kemm il-Fond Monetarju Internazzjonali kif ukoll il-Bank Ċentrali Ewropew jirrikonoxxu li aktar minn nofs l-inflazzjoni tal-prezzijiet attwali hija xprunata minn kumpaniji li jżidu l-marġnijiet ta' profitt tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tressaq proposta ġdida għal riżorsa proprja bbażata fuq it-tassazzjoni permanenti fuq profitti straordinarji mhux mistennija tal-intrapriżi multinazzjonali fis-setturi kollha, b'mod partikolari fis-settur agroalimentari;

Or. en

22.2.2024

A9-0053/12

Emenda 12

Dimitrios Papadimoulis

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Riżoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

A9-0053/2024

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

37. **Jibqa' mħasseb** li, anke wara r-reviżjoni, l-approprijazzjonijiet ta' impenn totali jammontaw biss għal 1,02 % tal-ING u l-approprijazzjonijiet ta' pagament totali jammontaw biss għal 1,01 % tal-ING; ifakkar li, oriġinarjament, l-approprijazzjonijiet ta' pagament fil-QFP attwali kienu ppjanati li jkunu stabbiliti għal 1,10 % tal-ING; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, l-isfidi baġitarji li qed jiffaċċjaw ħafna Stati Membri;

Emenda

37. **Jiddispijaċih għall-fatt** li, anke wara r-reviżjoni, l-approprijazzjonijiet ta' impenn totali jammontaw biss għal 1,02 % tal-ING u l-approprijazzjonijiet ta' pagament totali jammontaw biss għal 1,01 % tal-ING; ifakkar li, oriġinarjament, l-approprijazzjonijiet ta' pagament fil-QFP attwali kienu ppjanati li jkunu stabbiliti għal 1,10 % tal-ING; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, l-isfidi baġitarji li qed jiffaċċjaw ħafna Stati Membri;

Or. en

22.2.2024

A9-0053/13

Emenda 13

Dimitrios Papadimoulis

f' isem il-Grupp The Left

Rapport

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Risoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

A9-0053/2024

Mozzjoni għal risoluzzjoni

Paragrafu 38

Mozzjoni għal risoluzzjoni

38. Jiddeplora t-tnaqqis fil-programmi ewlenin fir-reviżjoni tal-QFP, speċjalment f'dawk imsaħħa speċifikament bħala parti mill-ftehim tal-QFP tal-2020, u huwa mħasseb b'mod partikolari dwar is-sinjali politiku li dan it-tnaqqis jagħti;

Emenda

38. Jiddeplora ***bil-qawwa*** t-tnaqqis fil-programmi ewlenin fir-reviżjoni tal-QFP, speċjalment f'dawk imsaħħa speċifikament bħala parti mill-ftehim tal-QFP tal-2020, u huwa mħasseb b'mod partikolari dwar is-sinjali politiku li dan it-tnaqqis jagħti; ***jitlob, għalhekk, li dan it-tnaqqis jitreġġa' lura kompletament bħala kwistjoni ta' urġenza;***

Or. en